# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-29 ta' Novembru, 2017.**

**Prim Awla tal-Qorti Civili**
**Sede Kostituzzjonali**

**Rikors Numru 11/2014 SM**

1. **John Formosa (K.I. 862344M)**
2. **Doris Grima (K.I. 125547M)**
3. **Alfred Formosa (K.I. 150648M)**
4. **Nazzareno Formosa (K.I. 780551M)**
5. **Joseph Formosa (K.I. 780451M)**
6. **Carmelo Formosa (K.I. 10354M)**
7. **Catherine Callus (K.I. 5500858M)**

**vs.**

1. **Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika);**
2. **Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol;**
3. **Kummissarju tal-Pulizija;**
4. **Avukat Generali;**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat is-7 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi huma lkoll ulied eredi ta' Salvatore Formosa, (ara foll 7 sa 19);

1.2. Illi l-imsemmi Salvatore Formosa miet fit-23 t'Ottubru, 1978, ta' 62 sena, (ara foll 5 u 6);

1.3. Illi l-istess Salvatore Formosa miet kawza ta' kancer malinju kkagunat esklussivament mill-esposizzjoni li hu kellu ghall-asbestos, mahruf bhala *"malignant Mesothelioma"*, (ara foll 5);

1.4. Illi l-istess Salvatore Formosa kien impjegat bhala *"fitter"* mal-*"Malta Drydocks Corporation"*, liema impjieg kien l-uniku wiehed tieghu;

1.5. Illi tul l-impjieg tieghu fl-imsemmija intrapriza l-asbestos kien *"staple material"* prezenti f'ammonti kopjuzi u intuza minghajr ebda kontroll effettiv;

1.6. Illi ilu maghruf li l-esposizzjoni ghall-asbestos tikkawza danni serji ghal sahhet il-bniedem, u twassal ghal mard serju divers, u tista' tikkaguna l-mewt;

1.7. Illi minkejja tali gharfien, l-awtoritajiet tas-sahha, il-Ministeru li tahtu kienet taqa' d-direzzjoni tat-tarznari, id-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, u l-Kummissarju tal-Pulizija naqsu li jipprovdu lil Salvatore Formosa b'mizuri ta' protezzjoni adegwati biex jilqghu ghall-hsara kkagunata mill-asbestos;

1.8. Illi l-imsemmi Salvatore Formosa ma giex infurmat mill-imsemmija awtoritajiet dwar l-effetti nocivi rizultanti mill-esposizzjoni ghall-asbestos;

1.9. Illi l-imsemmi Kummissarju ma ha l-ebda passi fir-rigward *nonostante* li kien konxju li tali esposizzjoni tista' twassal ghall-mewt;

1.10. Illi kien biss wara li l-istess Salvatore Formosa u uliedu bdew jisimghu bil-hsara rreparabbli kkagunata mill-asbestos ikkagunata lill-uhud mill-kollegi tieghu li huma saru konxji tal-effetti nocivi tal-esposizzjoni ghall-asbestos;

1.11. Illi tali gharfien kien gradwali u ibbazat fuq *"hearsay"* u minghajr l-intervent tal-awtoritajiet fuq riferiti;

1.12. Illi l-esposizzjoni ghall-asbestos ta' Salvatore Formosa fuq il-post tax-xoghol affettwat b'mod negattiv il-kwalita` tal-hajja taghhom billi prematurament gew privi mill-prezenza ta' persuna sinifikanti f'hajjithom;

1.13. Illi ghalhekk, bhala vittmi, jissodisfaw il-kriterji biex ikollhom *"locus standi"*, u dan, skont l-artiklu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem, il-Konvenzjoni), kif applikabbli tramite l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.14. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-apportunita` jghidu ghaliex din il-qawwi m'ghandiex, fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti:

1.14.1. Tiddikjara li d-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja u l-hajja tal-individwu ma titqieghedx fil-periklu bla bzonn, u dan, *ai termini* tal-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni, applikabbli *ai termini* tal-Kap 319 *de quo*;

1.14.2. Tiddikjara li wiehed ma jkunx issoggettat ghal trattament inuman u degradanti, *ai termini* tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 3 tal-Konvenzjoni, applikabbli *ai termini* tal-Kap 319 *de quo*;

1.14.3. Tiddikjara li d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-individwu, ma jigix mittiefes, u dan, *ai termini* tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni, applikabbli *ai termini* tal-Kap 319 *de quo*;

1.14.4. Tillikwida kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati;

1.14.5. Tikkundanna lir-rikorrenti jew min minnhom, ihallsu l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti;

2. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm likwidata, (ara foll 20);

3.0. Rat ir-risposta datata z-17 ta' Frar, 2014, li permezz taghha l-intimati Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija, u l-Avukat Generali, sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 21):

3.1. Illi preliminarjament issollevaw is-segwenti:

3.1.1. Illi t-Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali), hu issa maghruf bhala "Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)" u konsegwentement talbu l-korrezzjoni relattiva fir-rigward;

3.1.2. Illi l-ebda wiehed mill-intimati hawn indikati mhu l-legittimu kontradittur *stante* li hadd minnhom ma kellu funzjoni diretta jew indiretta fl-allegata esposizzjoni ghall-asbestos in dizamina u ghall-konsegwenzi naxxenti mill-istess u ghalhekk, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3.1.3. Illi r-rikorrenti kellhom mezzi ordinarji ohra biex jitolbu risarciment li m'uzawhomx, u ghalhekk, din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha *ai termini* tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4(2) tal-Kap 319 *de quo*, kif gia` deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi citati, (ara foll 22);

3.1.4. Illi *stante* li l-fatti in dizamina jmorru lura ghal zmien ferm qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni, ilmenti konvenzjonali ghall-perjodu qabel it-30 t'April, 1987, ma jistghux jigu mistharrga minn din il-qorti *ai termini* tal-artiklu 7 tal-Kap 319 *de quo*;

3.1.5. Illi r-rikorrenti jridu jgibu prova tal-locus standi taghhom fir-rigward;

3.2. Illi fil-mertu jissollevaw sintetikament s-segwenti:

3.2.1. Illi jirrespingu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti;

3.2.2. Illi r-rikorrenti ghandhom igibu prova li missierhom kien jahdem mal-*Malta Drydocks Corporation* u li kien hemm espost ghall-asbestos;

3.2.3. Illi r-rikorrenti ghandhom ukoll igibu prova li l-kancer *de quo* kien wiehed malinju, u li kien rizultat tal-istess xoghol li hu kien jaghmel hemm;

3.2.4. Illi hadd minnhom ma qieghed il-hajja ta' missier ir-rikorrenti fil-periklu jew b'xi mod cahhadhom mid-dritt ghal hajjithom, u b'hekk, m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni;

3.2.5. Illi l-istess intimati ma esponewx jew issoggettaw lir-rikorrenti jew lil missierhom ghal xi trattament inuman jew degradanti, u b'hekk, m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artiklu 3 tal-Konvenzjoni;

3.2.6. Illi li membru tal-familja jimrad b'marda terminali ma jikkostitwix interferenza mill-intimati odjerni fil-hajja privata jew famijari tar-rikorrenti li setghet tibqa' tigi ezercitata anke wara li miet missier ir-rikorrenti;

3.2.7. Illi ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' informazzjoni dwar perikli assocjati mal-asbestos, u ghalhekk, m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni;

3.2.8. Illi konsegwentement din il-qorti ghandha:

3.2.8.i. Tiddikjara li m'hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

3.2.8.ii. Tirrespingi l-allegazzjonijiet u talbiet kollha tar-rikorrenti;

3.2.8.iii. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.2.9. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta datat t-18 ta' Frar, 2014, li permezz taghha l-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol sintetikament irrispondiet is-segwenti, (ara foll 25):

4.1. Illi preliminarjament:

4.1.1. Illi mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4.1.2. Illi l-mewt ta' Salvatore Formosa sehhet fit-23 t'Ottubru, 1978, u ghalhekk, il-lanjanzi jirreferu ghall-perjodu precedenti d-data *de quo*;

4.1.3. Illi l-Awtorita` intimata giet kostitwita bl-att XXVII tal-2000, 22 sena wara l-mewt tal-imsemmi Salvatore Formosa, u konsegwentement ma kienitx tezisti meta sehhew il-fatti in kwistjoni;

4.1.4. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti ma jolqtux l-agir tal-Awtorita` *de quo* u ghalhekk ma setghetx tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

4.1.5. Illi b'hekk ma tistax tirrispondi ghall-addebiti indirizzati kontra taghha;

4.1.6. Illi m'hemmx relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-Awtorita` intimata;

4.1.7. Illi *stante* li r-rikorrenti m'ezercitawx ir-rimedji ordinarji taghhom qabel ma intavolaw ir-rimedju straordinarju odjern, il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita is-setghat taghha fil-procedura

odjerna kif indikat fil-gurisprudenza citata, (ara foll 26);

4.1.8. Illi r-rikorrenti m'ghandhomx *locus standi* fil-procedura odjerna fil-konfront tat-talbiet taghhom taht il-Konvenzjoni;

4.1.9. Illi r-rikorrenti ma jikkwalifikawx bhala "vittma" ai termini tal-artiklu 34 tal-Konvenzjoni billi m'hemmx ness bejn l-allegat dannu ghas-sahha ikkagunata lil Salvatore Formosa u xi ksur ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti, specjalment bit-trapass ta' 36 sena mill-mewt in dizamina;

4.1.10. Illi l-ilmenti in dizamina jmorru lura ghall-perjodu ferm qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni fl-1987, u ghalhekk ma jistghux jigu investigati skont l-artiklu 7 tal-Kap 319 fuq riferit;

4.2. Illi fil-mertu tissolleva sintetikament is-segwenti:

4.2.1. Illi r-rikorrenti ghandhom iressqu prova li l-allegata esposizzjoni ta' Salvatore Formosa hi konsegwenza u kawza unika ghall-mewt tal-istess;

4.2.2. Illi c-certifikat tal-mewt in dizamina juri tliet (3) ragunijiet ghad-decess in dizamina, (ara foll 5);

4.2.3. Illi biex jissussistu t-talbiet tar-rikorrenti jinhtieg li l-hajja tigi ipprivata intenzjonalment – haga li l-Awtorita` *de quo* zgur li m'ghamlitx;

4.2.4. Illi issir referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, (minn issa 'l quddiem imsejha l-Qorti ta' Strasburgu), li permezz taghha huma stabbiliti l-principji rigwardanti trattament inuman jew degradanti li l-Awtorita` qatt ma ezegwiet, (ara foll 26 u 27);

4.2.5. Illi la l-Awtorita` intimata u lanqas l-agir lamentat mir-rikorrenti m'ghandu l-ebda relazzjoni mall-hajja taghhom;

4.2.6. Illi in vista tal-istess it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4.2.7. Bl-ispejjez;

4.2.8. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Marzu, 2004, li permezz tieghu, wara talba appozita awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw l-eccezzjonijiet preliminari *de quo* bil-modalita` li fit-termini hemm indikati, u li jittrattaw l-istess oralment fid-data hemm indikata, (ara foll 41 u 42), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 75);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubbliku), Kummissarju tal-Pulizija, u l-Avukat Generali datata t-30 t'April, 2014, (ara foll 45), flimkien ma dik tar-rikorrenti datata z-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 51), u dik tal-Awtorita` intimata datata t-28 ta' Mejju, 2014, (ara foll 76);

7. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, (ara foll 81);

8. Rat is-sentenza preliminari taghha datata z-19 ta' Novembru, 2014, (ara foll 83);

9. Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata t-30 ta' Ottubru, 2015, (ara foll 144), li permezz taghha wara li kkonfermat is-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti, baghtet l-atti lura lil din il-qorti biex jitkompla s-smigh relattivament ghall-ilment, fejn rilevanti, taht l-artikli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni, (ara foll 160);

10. Rat d-digriet taghha datat it-13 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu irriappuntat l-istess procedura ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 160A);

11. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Marzu, 2017, u n-nota hemm ipprezentata li permezz taghha r-rikorrenti irtiraw il-kawza fil-konfront tal-Awtorita` intimata, (ara foll 270 u 271);

12. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-

partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 270);

13. Rat in-nota tar-rikorrenti datata t-2 ta' Mejju, 2017, (ara foll 275), flimkien ma' dik tal-intimati Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika); tal-Kummissarju tal-Pulizija, u tal-Avukat Generali datata l-5 ta' Gunju, 2017, (ara foll 329);

14. Semghet ix-xhieda prodotta;

15. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

16. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tas-sentenza preliminari ta' din il-qorti datata z-19 ta' Novembru, 2014, (ara foll 83), u tas-sentenza in appell mill-istess tal-Qorti Kostituzzjonali datata t-30 t'Ottubru, 2015, (ara foll 144), din il-procedura hi issa ghalhekk essenzjalment limitata ghall-kweziti rilevanti naxxenti mill-artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-rigward tal-lanjanza naxxenti mill-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fuq riferita r-rikorrenti jissottomettu li l-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ghandu jigi interpretat bl-istess mod bhall-artiklu 2 tal-Konvenzjoni, (ara fol 275);

18.2. Illi effettivament id-dicitura fl-imsemmija artikoli mhix ezattament l-istess;

18.2.1. Artiklu 2 tal-Konvenzjoni:

> "1.Everyone's right to life shall be protected by law..."

18.2.2. Artiklu 33 tal-Kostituzzjoni:

> "1. Hadd ma jista' jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment..."

18.3. Illi l-principju assolut favur id-dritt ghall-hajja kif indikat fl-artiklu 2 tal-Konvenzjoni fuq riprodott ma jirrizultax rispekkjat fl-interezza tieghu fl-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni;

18.4. Illi in effetti l-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni jirrifletti biss it-tieni parti tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni, senjatament:

> "... No one shall be deprived of his life intentionally...";

Ikkunsidrat:

18.5. Illi *nonostante* is-suespost f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)**, fl-ismijiet **Jane Agius vs. l-Avukat Generali et** datata l-**15 ta' Jannar, 2015**, li tghid is-segwenti:

> "Wiehed jista' jirraguna li din il-frazi thalliet barra appozitament u ghalhekk l-artiklu 33 jitkellem biss dwar indhil dirett mill-Istat.
>
> "Izda dan l-artiklu ghandu jinghata l-istess applikazzjoni bhall-artiklu 2 tal-Konvenzjoni ghal diversi ragunijiet. L-ewwel nett hu pacifiku li r-responsabbilita` guridika temani mhux biss fuq att pozittiv u dirett, imma anke minn att ta' ommissjoni fejn persuna tonqos milli taghmel dak li hu mistenni ragjonevolment minnha. Att ta' ommissjoni jista' jkun leziv daqs att ta' kommissjoni;
>
> "Inoltre, l-obbligazzjoni sancita bl-artiklu 33 hija wahda essenzjalment tal-protezzjoni tal-hajja minn azzjoni illegali u arbitrarja tal-Istat. Dan jirrikjedi li l-istat ghandu jkun marbut mhux biss

milli jindahal fit-tgawdija ta' tali dritt imma anke li jiehu mizuri pozittivi biex jassigura t-tharis tad-dritt, altrimenti dan l-artiklu ikun wiehed dghajjef u ineffettiv";

18.6. Illi l-istess insenjament riprodott fil-paragrafu precedenti jirrizulta segwit ukoll mill-istess **Prim-Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali**) fil-kawza fl-ismijiet **Maria Rosaria Fenech et vs. Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) nomine, et** datata l-**14 ta' Gunju, 2017**, li tghid is-segwenti:

> "A bazi ta' dawn l-osservazzjonijiet il-qorti ssib li mill-provi prodotti l-mewt ta' John Fenech kienet ta' rizultat ta' ommissjoni serja daparti tal-istat li mhux biss ma aggornax ruhhu bil-legislazzjoni mal-gharfien tal-perikli tal-asbestos u l-uzu tieghu izda naqas ukoll li jaghmel rakkomandazzjonijiet pubblici dwar mizuri ta' prevenzjoni u eliminazzjoni tal-uzu f'waqtha ta' din is-sustanza nociva ghas-sahha tal-bniedem. Dan wassal biex John Fenech ghamel snin twal espost ghal dan il-materjal bla ebda hjiel tal-periklu li kien qed jigi espost inkonxjament ghalih, periklu li mill-ahhar tas-sittinijiet kien gia` evidenti u rikonoxxut medikament";

Ikkunsidrat:

18.7. Illi gialadarba kif ritenut fis-sentenza **Agius vs. Avukat Generali et** fuq indikata, (ara paragrafu numru tmintax punt hamsa, (18.5.), aktar qabel), l-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ifisser li l-istat ghandu l-obbligu li jiehu mizuri pozittivi biex jassigura t-tharis tad-dritt *de quo* u li ma tistax tinghata interpretazzjoni aktar restrittiva minn din, lil dan l-artiklu hawn in dizamina, ghandha wkoll ghalhekk issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Brincat and Others vs. Malta** datata l-**24 ta' Lulju, 2014**, (ara foll 279), liema kawza kienet tittratta

kwistjoni identika ghal dik hawn in dizamina li sintetikament ikkonkludiet li kien ippruvat ness ta' kawzalita` sufficijenti bejn l-esposizzjoni ghall-asbestos u l-*Mesothalioma* malinna riskontrat, (a skans ta' dilungar inutili ara paragrafi 79, 80 u 81 a foll 304; paragrafi 106 u 107 a foll 312 u 313; u paragrafu 111 a foll 314;

18.8. Illi Salvatore Formosa jirrizulta li kien jahdem bhala *"fitter"* it-tarzna u miet fit-23 t'Ottubru, 1978, (ara rispettivament foll 276 u foll 5);

18.9. Illi dan id-decess jirrizulta li kien rizultat ta' *"malignant mesothelioma pleurea*", *"heart pulmonary failure"*, u *"secondary deposits liver, anaemia"*, (ara foll 5);

18.10. Illi l-istess jirrizultaw li kienu kkagunati ghaliex f'xogholhu l-imsemmi Salvatore Formosa kien espost ghall-asbestos;

18.11. Illi l-awtoritajiet koncernati kemm governattivi kif ukoll imprenditorjali qatt ma allertaw lill-haddiema fir-rigward jew hadu passi biex jeliminaw id-danni hekk ikkagunati lill-haddiema involuti;

18.12. Illi konsegwentment id-decess ta' Salvatore Formosa kien rizultat dirett ta' ommissjonijiet daparti tal-Istat li m'aggornax il-legislazzjoni tal-pajjiz ma' dak l-gharfien xjentifiku li maz-zmien, (mis-sittinijiet), beda jizdied dwar il-perikoli serjissimi konnessi mal-uzu tal-asbestos;

18.13. Illi rizultat tal-istess, l-imsemmi Salvatore Formosa kien espost ghall-uzu tal-asbestos fix-xoghol gornalier tieghu bil-konsegwenza li garrab marda terminali li wasslitu ghall-mewt qabel iz-zmien;

18.14. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tal-intimati rimanenti li l-gharfien dwar il-perikli tal-asbestos kienu naxxenti fis-snin disghin qed tigi respinta, (ara foll 330);

18.15. Illi *di piu`*, l-istess **Qorti ta' Strasburgu** gia` ddekretat fil-kawza **Brincat and Others vs. Malta**, (ara paragrafu numru tmintax punt sebgha, (18.7.), aktar qabel), fir-rigward u stabbiliet li l-Istat Malti, tramite l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward, gia` kellu taghrif ghad-

disposizzjoni tieghu rigwardanti l-perikolozita` immani in dizamina izda xorta naqas li jadotta mizuri preventivi fl-interess tal-operaturi kkoncernati fuq il-post tax-xoghol, (ara paragrafi 106 u 107 a foll 312 u 313);

18.16. Illi in vista tal-premess, ghandu jkun pacifiku li l-ewwel parti ta' l-ewwel talba rigwardanti l-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi fir-rigward tal-lanjanza naxxenti mill-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi l-artiklu hawn in dizamina jistipula s-segwenti:

> "1. Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti;
>
> "2. Ebda haga li hemm fi jew maghmula skont l-awtorita` ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artiklu sa fejn il-ligi in kwistjoni tawtorizza l-ghoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-gurnata stabbilita";

19.2. Illi min-naha l-ohra, l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni jistabbilixxi li:

> "Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti";

19.3. Illi sintetikament, is-suespost jipprojbixxi li xi hadd jittratta li xi haddiehor b'mod inuman jew degradanti;

19.4. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Tafarra Besabe Berke vs. Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni et**, datata d-**9 ta' Marzu, 2017**, li affermat is-segwenti:

> "Huwa wkoll minhabba f'hekk li huwa mistenni li l-imgiba li minnha wiehed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' certa gravita` u li tkun ippruvata fi grad gholi daqskemm xieraq skont in-natura tal-procediment li jkun. Huwa accettat ukoll li t-"tortura", it-"trattament inuman", u t-"trattament li jbaxxi" 'l dak li jkun huma kuncetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtughin ghal kollox minn xulxin, ladarba huma imgiba mhux xierqa fuq xi hadd li hija differenti minhabba l-grad ta' severita` li tintuza, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-ghamla l-aktar harxa ta' imgiba u tal-ahhar l-ghamla l-inqas kiefra";

Ikkunsidrat:

19.5. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* f'dan il-kaz, fin-nuqqas daparti tal-intimati fuq riskontrat, la jirrizulta li kien hemm trattament inuman u lanqas trattament degradanti skont it-tifsira tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni;

19.6. Illi ghalhekk dan l-artiklu hawn indirizzat ma jirrizultax li hu applikabbli ghall-fattispeci in dizamina;

19.7. Illi in vista tas-suespost din it-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi fir-rigward tar-rimedju mitlub mir-rikorrenti rizultat tas-suespost, jinghad sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi l-*mesothelioma* malinna riskontrata tista' generalment tirrizulta minn esposizzjoni ghall-asbestos, (ara foll 181);

20.2. Illi jirrizulta li Salvatore Formosa kien espost ghal dan il-materjal meta hu kien impjegat bhala *"fitter"* it-tarzna, (ara foll 276);

20.3. Illi r-rimedju prospettat fi procedura ta' natura kostituzzjonali mhux dak ta' natura civili izda dak ta' natura morali;

20.4. Illi d-*decuius* miet fl-eta` ta' 62 sena, (ara foll 5);

20.5. Illi l-kontribuzzjoni familjari ma tantx kienet qawwija;

20.6. Illi nonostante dan, l-istess kontribuzzjoni xorta kienet determinanti ghall-familja numeruza tad-decuius;

20.7. Illi tenut kont tal-fatturi fuq indikati dawn iwasslu lill-qorti tikkonkludi li l-kumpens non-pekunjarju misthoqq ghas-sofferenza subita bil-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali fuq riferit ghandu jkun kif stabbilit aktar 'l quddiem, (ara paragrafu wiehed u ghoxrin punt erbgha, (21.4.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

21.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ssodisfaw biss it-talba taghhom rigwardanti l-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni kif kompatibbli mas-suespost fir-rigward, u konsegwentement:

21.1. Takkolji t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni;

21.2. Tirrespingi t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni;

21.3. Tirrespingi fir-rigward ir-risposti tal-intimati;

21.4. Tillikwida r-rimedju xieraq kif mitlub *ai termini* tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf euro, (€21,000.00);

21.5. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* biex ihallsu l-istess ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti biex jinqasam ugwalment bejniethom;

21.6. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**